MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 12

30 ta' April 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.31pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post fil-ħin bl-eċċezzjoni ta' Dr. Helen Caruana u s-Sur Remigio Bartolo li kienu jinsabu indisposti.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha e-mail b'apoloġija ta' Dr. Helen Caruana u s-Sur Remigio Bartolo.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 11 ġew approvati.

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 ***Ġbir ta' Skart***

Is-Sur Cordina qal li l-ewwel ħaġa li xtaq jgħidilhom hi li hemm diversi battibekki fir-reġjun minħabba s-sitwazzjoni tal-iskart ta' Ħ'Attard, fejn anke għamel komunikazzjoni diretta mad-Direttur Christoper Galea. Hu qal li bagħat snapshot ta' imejl li kien rrisponda id-Direttur 2023, u ikkopja lid-Direttur Ġenerali fejn dak iż-żmien kien qal li kellu joħroġ b'soluzzjoni u li minn dak iż-żmien soluzzjoni ma nstabitx fosthom li meta jinġabar il-ħġieġ jinġabar il-kartun u mhux joqgħod jiġri mat-toroq u l-Kunsill jerġa' jibda jkollna servizz tal-ġbir ta' kartun mal-iskart separat. Soluzzjoni ma nstabitx u avolja kull ma jridu jagħmlu hu li jbiddlu il-ġurnata, xorta baqa' ma sar xejn. Ir-Reġjun qed jieħu azzjoni bla ebda riservi minħabba li dan qiegħed *in breach* ta' ħafna affarijiet. Id-Dipartiment tal-kuntratti kien kiteb b'mod pulit li ma jistgħux jittieħdu passi kontrih.

Is-Sur Bonnici saqsa kemm ilu l-Kuntratt? Is-Sur Cordina qal li ilu sentejn u fadallu 3 biss mar-Reġjun u mhux mal-Kunsill. Qal li dan qed jitħallas mal-€200,000 fix-xahar ta' disa' kunsilli lokali u ovvjament li qed jiġri huwa li probabbli m'għandux nies biżżejjed u mhux qed ilaħħaq bil-konsegwenza li qed ibatu ċertu Kunsilli. Hemm proċess twil biex tittieħed azzjoni bejn id-Dipartiment, is-Segretarju Permanenti u d-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jaraw x'penalitajiet jistgħu jiġu mposti li bażikament sakemm jgħaddi l-proċess kollu jilħaq jiskadi l-kuntratt. Ir-Reġjun jieħu azzjoni imma hemm id-dipartiment li għandu dritt iwaqqa' l-kelma tiegħu. Hemm diversi problemi fosthom li ma jiġborx ċertu skart, qed imur fis-sitta u nofs ta' filgħodu jiġbor u ma jerġax jgħaddi mill-istess toroq u l-problema tal-ġbir tal-kaxxi li m'għandux miktub jiġborhom fil-kuntratt. Id-Direttur qed jinkoraġġixxi lill-Kunsill biex iħeġġeġ lir-residenti joħorġu l-ħġieġ fil-kontenitur.

Kulħadd huwa konxju li l-kontenituri tal-Wasteserv huma kollha l-istess u mhix prattika għall-istess kollettur biex dawn jintgħarfu u jitpoġġew lura posthom u jekk

jinkisru  joqgħod ġewwa poġġi l-kontenitur intom jekk jekk jinkiser jekk jinkiser hemm il-problema ta’ min se jidħol responsabbli għalih.  Hu kompla jgħid li rridu nkunu prattiċi imma fl-istess ħin qed nagħmlu l-affarijiet iktar diffikultużi.

Sfortunat, kompla jgħid, hemm ċertu affarijiet, eżempju it-trakkijiet bla gps,  bla *tracker* eżempju minn Birkirkara għal Ħal-Balzan jista' jiġi bl-iskart moħbi u jitgħabba mat-tunnellaġġ ta' ħaddieħor, it-trakkijiet mhumiex Euro 6,  it-trakkijiet mhux bil-*waste separator* u qegħda fil-kuntratt. Is-Sur Cassar irrimarka li dan kollu hu ksur tar-rekwiżiti tal-kuntratt. Is-Sur Cordina qal li qed jintilef il-kontroll u bla tlaqliq ta' xejn kompla jgħid li inutli li ż-żewġ partiti joqgħodu jiftaħru bil-kunsilli lokali li ġabu l-maġġoranza jekk wieħed mhux lest itihom l-awtonomija li suppost ittihom biex joperaw fl-affarijiet bażiċi.  Hu ikkonkluda li tmexxi kunsill tajjeb irid ikollok pedament u li hu l-kunsill jħobbu b’ċertu passjoni u allura dawn l-affarijiet ta’ inawgurazzjoni ta’ biċċa sala u l-ħafna fanfarunati ma jittollerahomx.

12.3.2 *Uffiċċini Ġodda*

Is-Sur Cordina qal li ġiet l-għamara u ntramat u li ovvjament qed tiġi ssetjata. Rigward il-permess qal li hemm daqsxejn ta' problema żgħira u li l-Perit ipprova jagħmel DNO imma kellu jdaħħal summary għax ppruvajna id-DNO ma setax jiġi proċessat minħabba l-*minor amendment.*  Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minħabba li l-lift sar tal-bricks u mhux ħġieġ, it-*toilets* wieħed biss ġie CRPD compliant, hemm il-qies tar-*reception*  u l-permess tal-MEPA jieħu 100 ġurnata.  Is-Sur Cordina qal li qed jieħdu parir fuq il-legalità li joperaw bla Compliance.  Dawl u ilma hemm *sub-meters.* Kompla jgħid li f’każ li ma jirnexxielhomx joħorġu fil-ħin, kontra qalbu, għax xi ħaġa li ma xtaqx jagħmel ikollhom imorru Ġnien l-Istazzjon.

Dr. Martin Musumeci daħal f’dan il-mument 5:46pm.

Dr. Cassar saqsa jekk jistax isir work from home?  Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li iva imma mhux sa jkun hemm bżonn għax faċilment il-*back office* jista’ jaħdem mill-uffiċċini l-ġodda.  Dr. Cassar qal imbilli jingħalaq l-uffiċċju jumejn mhu sa jiġri xejn. Is-Sur Cordina qal li ħadmu tajjeb qabel u xorta baqgħu joffru servizz, jerġa’ jsir issa. Is-Sur Cordina qal li l-ebda Ministru mhu sa jinawgura dan il-proġett u li qed jagħmilha ċara minn dan il-mument biex ħadd ma jieħu għalih wara.

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.4.1 Dr. Ralph Cassar

- Ġnien l-Istazzjon. Qal li ġie avviċinat minn grupp ta’ nies biex isir *Stazzjon Community Garden* u dawn in-nies jibdew jieħdu ħsieb dal-ġnien fuq bażi volontarja. Il-kuntrattur kull ma jrid jieħu ħsieb hu it-tisqija u faċilment jekk dan il-proġett jirnexxi ikun jista’ jiffoka fuq ġonna oħra. Kull ma ġie mitlub minnhom hi kamra fejn tinżamm l-għodda.  Qal li kompla jinvolvi

wkoll lil ċertu wieħed Matthew li bħalissa qed jieħu ħsieb Wied Irmiedi u se ssir taħdita fl-10 ta' Mejju fit-3pm fiċ-Ċentru Kulturali. L-ideja hi li tinvolvi kemm jista' jkun nies u jkun hemm linji gwida. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

- Triq Santa Katerina. Hemm il-*go ahead* biex jibda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mixjin jirrevedu l-pjanti u li ltaqet ma' xi uffiċċjali tal-ERA minħabba Ġardina tal-Kromb hemm xi siġar li l-għeruq tagħhom ġejjin wisq viċin il-kurduna u huma tal-parir li din ma titwessax.
- Pjazza Tumas Dingli. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li s'issa m'hemm moviment ta' xejn.
- Donazzjoni ta' siġar tal-ħarrub. Dawn se jitħawwlu f'Ottubru.
- Qal li s-siġar li ġew ivvandalizzati ħdejn il-flats tal-Gvern qabdu u anke dawk fi Triq Victor Vassallo u li għad hemm xi konok vojta. Is-Sur Cordina qal li kien hemm xi residenti li oġġezzjonaw meta marru IM biex ikomplu x-xogħol fuq il-konok. Is-Sur Cordina se jiltaqa' magħhom u jispjegalhom minħabba li jista' jagħti l-każ li l-konok kienu se jsiru fuq art privata.

12.4.2 Paul Ciantar

- Talab biex isir bin fi Triq iż-Żagħfran ħdejn l-iSphinx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont S.L. 549 entità kummerċjali trid tipprovdi reċipjent tal-iskart hi. Is-Sur Cordina qal ukoll li fejn qed jirreferi s-Sur Ciantar hija daħla privata li r-residenti stess qed iħammġu. U ġaladarba jridu l-ħmieġ il-ħmieġ se jħallihom għax xebgħu jintbagħtu noti.
- Qal li ġie mitlub li jsiru iktar dawl ħdejn Ġnien il-Palma minħabba li ż-żebra crossing hi fid-dlam. Is-Sur Cordina qal li din hi mdawwla biżżejjed imma kif isuq ħaddieħor hi xi ħaġ'oħra għax jekk iduru bl-addoċċ bilfors se jiġri xi nċident. Kompla jgħid li jrid isir hu *enforcement* għax kullimkien vera fjakk bla superviżjoni ta' xejn.

12.4.3 John P. Bonnici

- Staqsa jekk tistax isir ħawt ieħor bir-rand ħdejn Terroire. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni basta jsir minnhom. Is-Sur Paul Ciantar qal ukoll li dawn talbu biex issir tinda. Is-Sur Cordina qal li hu ġa ġie mitlub imma jridu joqgħodu attenti għax hemm jekk jitħaffer il-pavimentar ramel hemm taħt u wieħed ma jridx jinsa li hemm ukoll il-ġiebja.

## 12.5 Rapporti

12.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 12.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 12.6.1 Kuntratt Knis

Is-Sur Cordina qal li minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill qed jiġi propost li jitnaqqsu s-siegħat minn dan il-kuntratt bin-nofs. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhux bin-nofs imma jitnaqqsu ftit mis-siegħat tal-kuntratt. Hu qal li se ssir laqgħa mal-kuntrattur u mhux bilfors ix-xogħol se jibqa' *up to date.* Dr. Musumeci saqsa x'jiġifieri? Is-Sur Cordina qal li jekk qabel kienet isir darba fil-ġimgħa issa se jkollha ssir darba fi ħmistax. Hu kompla jgħid ukoll li kif appena, u fiduċjuż, il-Kunsill jgħaddi minn din il-fażi finanzjarja is-servizz jerġa' jiġi għan-normal.

Dr. Cassar qal li hemm toroq huma iktar problematiċi. Is-Sur Cordina qal li jekk se jitnaqqas is-servizz dan għandu jitnaqqas minn kullimkien. Dr. Cassar qal li hemm toroq eż. ġo nofs Misraħ Kola ma jitħammġux daqs oħrajn. Dr. Musumeci qal li jekk hemm toroq li joqgħodu b'darba fi ħmistax u oħrajn b'darba fil-ġimgħa jinħoloq bilanċ kif jingħata s-servizz.

Dr. Cassar saqsa fuq it-tbattil tal-bins? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan is-servizz se jibqa' intatt. Din il-materja ġiet approvata.

Is-Sur John Bonnici saqsa fuq is-sitwazzjoni finanzjarja. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-materja ġiet diskussa fl-aħħar laqgħa fejn ingħad li minħabba l-ispiża kapitali ta' Ġnien l-Istazzjon li tlaħħaq madwar €380,000, kellhom jitnaqqsu xi spejjeż minn dawk kurrenti u ta' kuljum sabiex jitħallas dan il-bilanċ.

Is-Sur Cordina qal li qed jinstabu soluzzjonijiet u skemi oħra bħall-iskema tar-Reġjun fejn talab li flok fond kulturali, minħabba li diġà ħareġ skemi simili l-Gvern, dawn jintużaw biex tinxtara l-għamara tal-Uffiċċini l-ġodda.

## 12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

12.7.1 Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Is-Sur Alex Mangion saqsa min huma Xmun Caterers? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn huma l-*caterers* ta' Jum Ħ'Attard. Saqsa wkoll fuq id-dwal tal-Milied jekk kienux taw kontribut l-entitajiet kummerċ. Is-Sur Cordina qal li iva veru kienu ltaqgħu magħhom imma xi wħud ma setgħux jew ma kienux f'pożizzjoni li jikkontribwixxu u allura intużaw u tħallsu mill-iskemi tar-Reġjun u Gvern Ċentrali.

Proponent: Sur Paul Ciantar          Sekondant: Sur Alex Mangion

L-iskedi ġew approvati.

## 12.8 Mozzjonijiet; u

12.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 12.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.20pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' April 2025 fis-5.30pm

Konfermati illum, 27 ta' Mejju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |